# ĠESU': l-Iben li jwassalna għand il-Missier



- Huwa l-Kristu  il-Midluk tal-Missier, li ġie fid-dinja bex jeħodna miegħu għand il-Missier.
- Huwa x-xhud ta' l-imħabba infinita li għandu l-Missier lejna, imħabba li waslitilna bit-tbatija tas-Salib u bil-glorja tal-Qawmien.
- Huwa dak li jagħtina l-Ispirtu s-Santu, l-ilma ħaj li joħroġ mill-għejun ta' dejjem biex jagħtina fi żmienna d-don ta' Alla u jwassalna għall-glorja miegħu.
- Meta nerġgħu nkantaw il-glorja fis-Sibt Qaddis ta' l-Għid, ħa ngħidulu ***Int waħdek Qaddis, int waħdek Mulej, int waħdek il-Għoli***.
- F'dan iż-żmien tar-Randan, nersqu aktar lejn Ġesu' u nsiru ħbieb tiegħu u ta' l-Evanġelju tiegħu billi nersqu biex nisimgħu l-kelma li titħabbrilna fl-eżerċizzi. Nagħtuh ftit mill-ħin tagħna, hu li tana l-ħajja kollha tagħna u qed iħejjina għall-eternita'.

*Kan Frankie Bajada, Arċipriet Għajnsielem*



## *Jistgħu jinteressawk*

***Nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu*** nfakkru l-*birthday* ta' l-Isqof emeritu Nikol Ġ. Cauchi. Nirringrazzjaw lil Alla ta' tant snin li fihom mexxiena permezz tiegħu u nitolbu għalih.

*gozopress • 21551534*

## *It-Talba tal-ġimgħa*



***Mulej, agħtini mill-ilma tal-ħajja tiegħek u itmagħni bil-kelma tiegħek f'dawn il-jiem ta' konverżjoni.***



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

**It-Tielet Ħadd tar-Randan • Sena A • Id-39 Sena (2031) • 24 ta' Frar 2008**

**Mill-Evanġelju ta' San Ġwann** **Ġw 4, 5-42**



F'dak iż-żmien: Ġesu' ġie f'belt tas-Samarija jisimha Sikar, fejn kien hemm ukoll il-bir ta' Ġakob. Kien il-ħabta ta' nofs in-nhar. Dak il-ħin waslet mara mis-Samarija timla l-ilma, u Ġesu' talabha: "Agħtini nixrob." Il-mara mis-Samarija qaltlu: "Kif! Int Lhudi u titlob lili, Samaritana, biex nagħtik tixrob?" U Ġesu' weġibha: "Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li talbek jixrob, kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj…Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih il-għatx; imma kull min jixrob mill-ilma li nagħtih jien ma' jkun qatt bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn tnixxi ilma li jasal sal-ħajja ta' dejjem." Qaltlu l-mara: "Agħtini dan l-ilma, Sidi, biex ma' jeħodnix il-għatx."

## RIFLESSJONI:

- Ġesu' jagħmilha ta' tallab għal ftit ilma minn għand mara li suppost kienet barranija għalih.
- Ġesu' jitlob l-ilma materjali biex iwassal għall-għoti ta' l-ilma tal-ħajja tal-grazzja.
- Xejn ma' jista jaqta' l-għatx tagħna ħlief l-paċi tal-kuxjenza li huwa bħal ilma ħaj li bih ma' jagħtina qatt l-għatx.
- Ejjew inżommu ħaj d-djalogu tagħna ma' Ġesu' bħalma għamlet is-Samaritana, biex joħloq fina bniedem ġdid.

*"Agħtini nixrob…u nagħtik tixrob…"*